27 ta' Novembru, 1954

Imħallef :
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Manwel Mizzi et.

**Appell — Nullità — Prostituzzjoni — Liċenza tas-Sewqan — Kanċellament jew Sospensjoni — Sentenza — Digriet Interlokutorju — Art. 425 u 427 tal-Kodiċi Kriminali — Art. 59 u 60 tal-Kap. 13**

*F'materja kriminali, jista' jkun hemm appell minn sentenza jew minn digriet intelokutorju; u sentenza, fl-isfera ta' l-appellabilità, hija evidentement dik li tipprovvdi definitivament, sija bil-kundanna, jew bil-liberazzjoni taħt il-provvedimenti ta' l-art. 23 tal-Kodiċi Kriminali, jew bl-assolutorja ta' l-imputat.*

*Digriet interlokutorju jista' jiġi appellat "qabel" is-sentenza biss jekk ikun ipprekluda l-kontinwazzjoni tal-kawża. Jekk ma jkunx ipprekluda l-kontinwazzjoni tal-kawża, allura jista' jiġi appellat "wara" s-sentenza, flimkien magħha, u biss jekk is-sentenza stess tkun appellabbli.*

*L-espressjoni "Digriet Interlokutorju" għandha sens ampju, b'mod li tikkomprendi mhux biss provvedimenti interinali jew ordinatorji mogħtija fil-kors tal-kawża, imma anki kull xorta ta' digriet.*

*Għaldaqstant, digriet li bih il-Maġistrat ikun irriġetta talba tal-Kummissarju tal-Pulizija għall-kanċellament jew sospensjoni tal-liċenza tas-sewqan ta' bniedem li ġie misjub ħati ta' għajxien minn fuq il-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, ma huwx digriet interlokutorju, jekk ġie mogħti wara s-sentenza li sabet lil dak il-bniedem ħati ta' dak id-delitt, billi dak id-digriet ma*

*jipprekludiex il-kontinwazzjoni tal-kawża, u ma jistenniex sentenza waraJh. U għalhekk mhux appellabbli.*

*Lanqas jista' digriet simili jitqies sentenza jekk, apparti raġunijiet oħra, ġie mogħti kameralment u mhux "in open Court", jew, fil-każi kongruwi, bil-bibien magħluqa; u għalhekk lanqas taħt dan l-aspett dak id-digriet ma huwa appellabbli.*

*L-appell tal-Prosekuzzjoni minn digriet simili huwa għalhekk irritu u null. Ir-rimedju għal każijiet bħal dan huwa rikors għar-revoka ta' dak id-digriet "contrario imperio"; s'intendi, "si et quatenus".*

B'sentenza tagħha ta' l-14 ta' Awissu, 1954, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lil Karmnu Fenech ħati ta' għejxien mill-qliegħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra, u kkundannatu għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien xahrejn;

"Wara" s-sentenza, il-Kummissarju tal-Pulizija għamel rikors, li bih talab li, in bażi għall-art. 59 u 60 tal-Kap. 13, dik il-Qorti tħassar, jew tissospendi għal żmien li jidhrilha xieraq, il-liċenza tas-sewqan ta' dana Fenech;

B'digriet tat-2 ta' Settembru, 1954, dik il-Qorti ċaħdet it-talba;

B'rikors fol. 14 l-Attorney General appella minn dan id-digriet, u talab li jiġi revokat u li tiġi akkolta t-talba għall-kanċellament jew sospensjoni tal-liċenza fuq imsemmija;

Id-difiża eċċepiet l-inappellabilità tad-digriet in parola;

Trattat l-appell fuq dan il-pont, din il-Qorti rriflettiet;

Mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali jidher ċar li jista' jkun hemm appell jew minn sentenza jew minn digriet interlokutorju. Mill-qari ta' l-art. 425 jidher evidenti li "sentenza", fl-isfera ta' l-appellabilità, hija dik li tipprovvedi "definitivament", jew, kif jingħad, "terminat negotium de quo agitur", bil-kundanna jew, fil-każ ta' l-art. 23, bid-dikjarazzjoni ta' reità (art. 429(2)) jew bl-assolutorja ta' l-imputat;

Skond l-art. 427, digriet interlokutorju jista' jiġi appellat "qabel" is-sentenza biss, fil-każ li jkun jipprekluda l-kon-

tinwazzjoni tal-kawża; jekk ma jkunx ipprekluda l-kontinwazzjoni tal-kawża, allura jista' jiġi appellat "wara" s-sentenza, flimkien magħha, u biss jekk din stess tkun appellabbli;

Issa, għalkemm l-espressjoni "digriet interlokutorju" għandha sens ampju, b'mod li tikkomprendi mhux biss provvedimenti interinali jew ordinatorji mogħtija fil-kors tal-kawża, imma anki kull xorta ta' digriet (ara Appell Kriminali "Anderson vs. Galea", 16 ta' Ottubru, 1901; "Grima vs. Mizzi" 19 ta' Marzu, 1926; "Pulizija vs. Lavetti" 4 ta' Ġunju, 1938), eppure d-digriet issa mpunjat mill-Prosekuzzjoni żgur ma jistax ikun digriet interlokutorju, għax ġie mogħti "wara" li ġiet deċiża l-kawża, mentri l-fatt stess li fl-art. 427 il-liġi tagħmel id-distinzjoni bejn digriet li jipprekludi u digriet li ma jipprekludix il-kontinwazzjoni tal-kawża, juri kjarament li d-digriet interlokutorju "post se expectat sententiam";

Digriet interlokutorju, għalhekk, ma kienx żgur;

Lanqas ma jista' dak id-digriet jitqies "sentenza". Infatti, apparti raġunijiet oħra, li ma hemmx bżonn jingħadu, hu ċert li dan id-digriet ġie mogħti mhux "in open Court", jew almenu, fil-każijiet kongruwi, bil-bibien magħluqa (art. 660), iżda "kameralment" (ara verbal fol. 9). Issa, għalkemm skond l-art. 658 Kap. 12, il-kelma "deċiżjoni" tikkomprendi anki digriet jew ordni definitiv tal-Qorti, però hu essenzjali, skond l-istess liġi (art. 659), li d-deċiżjoni, biex tkun tali, tkun pronunzjata "f'seduta", ġeneralment bil-miftuħ, ammenokkè ma jkunx hemm raġunijiet li jintgħalqu l-bibien (art. 660): mentri dan kien digriet "kamerali", li għalhekk ma jistax, skond il-liġi stess, jitqies "deċiżjoni". Dan apparti s-sens ristrett tal-kelma "sentenza" għall-finijiet ta' l-appell, kif fuq spjegat;

Il-Prosekuzzjoni ċitat is-sentenza "Pulizija vs. Bezzina", App. Krim. 16 ta' April, 1913. Però dak kien digriet interlokutorju fis-sens ampju fuq imsemmi; għax bih il-Qorti ddikjarat l-imputat dementi, u b'hekk id-digriet ipprekluda l-kontinwazzjoni tal-kawża fil-meritu tar-responsabilità għar-

seat dedott, u ma kienx moghti "wara" s-sentenza, kif inhu dan il-każ; ħorra mill-fatt li dak kien digriet moghti fis-seduta, u mhux kameralment;

Ir-rimedju ghal każijiet bħal dak attwali hu rikors ghar-revoka "contrario imperio"; s'intendi "si et quatenus";

Ghal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti tiddikjara irritu u null l-appell tal-Prosekuzzjoni; u bħala tali tirrespinġieh.